Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 24**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta online nhar il-Ħamis 15 ta'Frar 2021 fil- 5.00pm.

Din il-laqgha kella ssir online minħabba Covid 19, u peress li wħud mill-Kunsilliera huma anzjani u/jew oħrajn jgħixu ma' persuni vulnerabbli u qegħdin fi kwarantina volontarja u/jew mandatorja.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Viċi Sindku |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Vince Tanti - Segretarju Eżekuttiv

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

**24.1** **Qari t' ittri t' apoloġiji**

24.1.01 Ma kienx hemm apoloġiji

**24.2** **Qari u approvazzjoni tal-Minuti Seduta Numru 23**

24.2.01 Il-Kunsillier Edgar Rossignaud approva l-Minuti tas- Seduta numru 23, u l-Kunsilliera Theresa Valentino ssekondat.

**24.3** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

24.3.01 Il-Vici Sindku Maryanne Abela rreferiet għal punt 23.5.03, fejn qalet li is-Segretarju Eżekuttiv kien ikkoppjat fil-korrespondenza.

24.3.02 Il-Kunsilliera Rowena Scicluna rreferiet għal punt 23.3.05, il-Printed Magazine, fejn qalet li ħadd ma taha feedback fuq il-kwotazzjoni ta' l-ipprintjar. Qalet li l-problema attwali hi li minnħabba Covid il-ħwienet m'humiex jirrikklamaw u ħafna mill-ispejjeż se jaqaw fuq il-Kunsill. Il-Kunsilliera ssuġeriet li jew jiġu ppublikat flyer u nqassmuh lil kulħadd mal-lokalita' kollha, jew inkella nagħmlu paġna fil-magazine u nistaqsuhom humiex interessati jirċevuh, inkella nqassmu l-magazine fil-lokalita' li fih ikun hemm paġna fejn nitolbuhom humiex interessati jibqgħu jirċievu l-magazine.

Kien hemm diskussjoni fuq tqassim tal-fuljett f'appartamenti vojta jew mikrija u ġie deċiż li jitqassam lil kulħadd u titpogga nota biex min ma jridx jirċievih jinformana.

24.3.03 Il-Kunsilliera R. Scicluna tkellmet fuq punt 23.3.06 u staqsiet aħniex iktar vicin li nsibu replacement ta' l-iskrivana li kienet irreżenjat. Qalet li tiddejjaq tinstema qisha broken record fuq dawn, imma s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li m'aċċettajniex iktar submissions mill-Jobsplus għax in-nies li bagħtulna ma kienux nteressati u tlabna permess biex nippublikaw riklam u ndaħħlu nies minn barra, imma s'issa għadu ma ġiex dan il-permess.Talbet li ssir pressjoni.

24.3.04 Il-Kunsilliera Theresa Valentino irrimarkat li hi ukoll ser tinstema qisha broken record u reġgħet talbet jekk sarx xi żvilupp fuq l-ilma maħmug li ħiereg fi Triq il-Qasam. Is-Segretarju wieġeb li hawn ukoll ma sema xejn minn naħa tas-Sanita. Il-Kunsilliera Valentino qalet fl-aħħar laqgħa kien hemm deċiżjoni li nerġgħu niktbu lil Ministru Fearne fuq din is-sitwazzjoni u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien diġa' kiteb lil Ministru u ma ħassx li jkun prudenti jerġa' jkellmu meta l-Ministeru jinsab mħabbat sew bil-pandemija. Is-Sindku qal li la darba ttieħdet deċiżjoni li niktbu lil Ministru, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb lil Ministru. Is-Segretarju Eżekuttiv skuża ruħu u wiegħed li għada ser jerġa' jiktiblu.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

24.3.05 Il-Kunsilliera Theresa Valentino staqsiet sarx xi ħaġa fuq id-double un/loading bay ta' l-Little Elephants fi Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed jistenna risposta minn naħa ta' Transport Malta qabel ma jieħu azzjoni. Is-Sindku talab li tintbgħat reminder.

24.3.06 Il-Kunsilliera Theresa Valentino staqsiet kellimniex lil kuntrattur tal-knis fuq il-complaints li qed ikollna. Is-Segretarju wieġeb li rridu nkellmuh imma tah biċċtejn xogħol kbar u ma riedx jallarmah iżżejjed. Is-Sindku żied li dawn il-kuntratturi problema kbira kull imkien, gżax ma jsibux ħaddiema, u jiddependu fuq ħaddiema Afrikani biex jaħdmu li sfortunatement mhux dejjem jkunu ta' livell professjonali. Il-Kunsilliera Valentino talbet skeda u l-Kunsilliera qalulha li din diġa' kienet tqassmet u li ser jibgħatulha kopja.

24.3.07 Il-Kunsilliera Theresa Valentino għamlet referenza għal broken record oħra fejn talbet l-email addresses tar-residenti, u l-Kunsilliera Rowena Scicluna fakkret li jekk nitolbu din l-informazzjoni irridu nimxu mar-regolamenti GDPR.

24.3.08 Il-Viċi Sindku Maryanne Abela rreferiet għal punt 23.5.04, fuq issue ta' Waste Management Plan, u qalet li r-Reġjun iddiskuta dan il-punt u qalet li r-Reġjun Tramuntana ppropona li huwa lest li jagħmel u jmexxi impjant li jbiddel l-iskart organiku f'kompost, u lest ukoll jieħu l-iskart organiku kollu ta'Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk ir-Reġjun Tramuntana identifikax sit fejn qed jipproponi dan l-impjant, imma ma kellux risposta.

24.3.09 Il-Kunsillier Edgar Rossignaud ukoll għamel referenza għal broken records, u tkellem fuq conference screen li ilu jitlob għalih. Qal li is-Segretarju Eżekuttiv tkellem ma' kumpanija li tipprovdi dan l-apparat u għandha tintbgħatlu kwotazzjoni din il-ġimgħa.

24.3.10 Il-Kunsillier Edgar Rossignaud tkellem fuq il-proġett ta' Triq Sant'Andrija ta'Infrastructure Malta. Qal li rċevejna l-pjanti tagħhom u s-Sindku ser jitkellem dwar dan hu.

24.3.11 Il-Kunsillier Edgar Rossignaud tkellem ukoll fuq il-fence ta' Ġnien FX Ebejer u qal li dan għadu ma ġiex installat. Is-Segretarju qal li l-Awtorita ta' l-Ippjanar bagħtet kopja tal-kuntratt għal dan il-proġett u talbet l-informazzjoni minn għandu, informazzjoni li hu jrid iġġib mill-kuntrattur. Din l-informazzjoni ntbghatet lil Awtorita ta' l-Ippjanar u qed nistennew l-kuntratt finali ħalli jiġi ffirmat mis-Sindku u minnu u jibda' x-xogħol. Il-fence qiegħed in transit imma qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt ma jistax jibda' x-xogħol. Is-Sindku kompla li minn naħa tagħna mexxejna u hu kiteb liċ- Chairman ukoll imma mid-dehra l-affarijiet minn naħa tal-PA qed jieħdu fit-tul.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

**24.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

24.4.01 Is-Sindku beda billi qal li l-parti l-kbira tal-kommunikat tiegħu ser ikun ikkonċentrat fuq ix-xogħol li qed isir minn Infrastruttura Malta fi Triq Sant.Andrija. Madankollu ppreżenta rapport tal-ħidma tiegħu mill-aħħat Seduta (anness A).

24.4.02 Laqgħat tas-Sindku:

| Skeda ta' laqgħat tas-Sindku | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Data** | **Laqgħa** | **Suġġett** | **Fejn saret** | **Preżenti** |
| 15.01.21 | On Site Meeting, Swieqi | Triq is-Slielem | Swieqi | MA, TV, ER, BB |
| 18.01.21 | Infrastruttura Malta | Triq is-Slielem | Luqa | MA, AC, ER (ANNEX B) |
| 19.01.21 | Ċentru Arti u Kultura | Sit Ċentru Arti u Kultura | Ministeru, Sta. Venera | MA |
| 28.0121<br>02.02.21 | Quicklets | Street Advertising | Ufficcju Sindku | VT |
| 29.01.21 | Infrastruttura Malta | Triq Sant'Andrija | Luqa | MA, AC, ER |
| 03.02. 21 | Infrastruttura Malta | Triq Sant'Andrija | Luqa | |
| 04.02.21 | Greenpak | Miżura Smart Solutions | Kunsill | AC, VT |
| 04.02.21 | Infrastruttura Malta | Triq Sant'Andrija | Luqa | ER |
| 11.02.21 | Paul Xuereb | Bini Ta' Lukanda San Giljan (Hdejn Ecabs) | Ufficċju Sindku | ER, Anton Valentino |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *TV* | *Theresa Valentino* | *MA* | *Mary Anne Abela* |
| *ER* | *Edgar Rossignaud* | *BB* | *Perit Bjorn Bonello* |
| *VT* | *Vince Tanti* | | |

24.4.03 Is-Sindku beda d-diskussjoni tiegħu billi ta' spjegazzjoni tad-diversi laqgħat li kellu, flimkien ma' Kunsilliera oħra (Maryanne Abela, Edgar Rossignaud u Alex Chetcuti). Minn naħa ta' Infrastructure Malta il-laqgħat ir-rappreżentati kienu l- Perit Walter Portelli u persuna oħra. L-ewwel kwistjoni kienet li ġejna nfurmati li l-exits kollha li joħroġ mill Forum, minn San

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

Andrea Complex, mill-Greens, minn Triq Pedidalwett u min Triq il-Mielah ser joħrog kollu mir roundabout il-ġdida fit tarf ta' Triq il-Perkursur. Is-Sindku mal-ewwel informahom li ma jaqblu xejn ma' din id-deċiżjoni peress li ħafna vetturi kummerċjali se jitilgħu dik it-triq wieqfa u joħolqu ħafna exhaust, kif ukoll li dan it-traffiku kollu ser ikollu jgħaddi minn villa area. Il-Perit Portelli ma mpurtahx minn dan kollu u baqa' jsostni li hekk ser issir u mhux ser isir bdil fil-pjan. Qal li telqu minn hemm diżappuntati li ma sar xejn u mill-ewwel kiteb ittra ta'protesta lil Ministru Ian Borg, kkoppja lis-CEO, u ingħatajna laqgħa oħra fid-29 ta'Jannar. F'din il-laqgħa kien hemm delegazzjoni iktar għolja minn Infrastruttura Malta, b'għadd ta' Periti u professjonisti oħra, waqt li d-delegazzjoni tal-Kunsill kienet l-istess tim magħmul minnu, mill-Viċi Sindku Maryanne Abela u l-Kunsilliera Alex Chetcuti u Edgar Rossignaud. Sa dakinhar kien hemm diversi interventi u protesti minn residenti, sidien ta' stabbilimenti u oħrajn li għamlu ħafna pressjoni fuq IM biex dawn jirrivedu l-pjanijiet tagħhom għal din il-parti ta' Triq Sant'Andrija. F'din il-laqgħa ġejna nfurmati li l-ħruġ mill-Forum Complex għal Triq Sant'Andrija ser jibqa', pero l-ħruġ minn Triq il- Pedidalwett, Mielaħ u traffiku ieħor ser isir kollu minn Triq il- Perkursur. Is-Sindku qal li dan hu pass 'il quddiem iżda xorta mhux kuntenti għax jemmen li ser ikun hemm ħafna traffiku sejjer lejn Triq il- Perkursur u ser jiżdied it-traffiku fil-Madliena.

Is-Sindku qal li tawna kopja tal-Pjanti ġodda li l-Perit Rossignaud għaddihom lil l-Espert tat-traffiku mqabbad mill-Kunsill Bjorn Bonello ħalli jagħti l-opinjoni tiegħu. Is-Sindku jifhem li Infrastruttura Malta jridu t-traffiku mexxej fi Triq Sant'Andrija, iżda jsostni li m'għandhomx ibatu r-residenti sabiex dan iseħħ. Żied ukoll li jemmen li fil-long term, la darba x-xogħol jinżel għal parti ta' ħdejn il-Luxol, faċċata ta' Jessie's Bar, il-problema ser tikber għax il-pjan hu li t-traffiku ħiereġ minn Triq l- Ibraġ għal Triq Sant'Andrija irid idur fuq ix-xellug, u peress li m' hemmx traffic management plan ser ikun hemm serbut ta' traffiku, b'riżultat li n-nies ser ifittxu alternattiva oħra, u ser jgħaddu mill- Madliena. Minn naħa l-oħra min ikun irid jinżel San Giljan ser jibdew joħorġu minn Triq il-Qasam. Is-Sindku qal ukoll li hu flimkien mal-Perit Dimech ta' IM osservaw li fejn ir-roundabout ta' Perkursur in-nies isuqu minn Triq Sant'Andrija jibqgħu għaddejjin dritt u b'veloċita – ma jnaqqsux għax ġiet roundabout. Qal li jidher li hemm xi pjanijiet oħra li qed jiġu diskussi, li hu ma jafx bihom, imma sema l-Periti ta 'IM jiddiskutu bejniethom. Il-Kunsillier Alex Chetcuti qal li hemm pjan li ssir tunnel minn Regional Road u toħroġ minn ħdejn Triq il- Perkursur, u qal li l-pressjoni minn din iż-żona ser tonqos. Is-Sindku qal li talbu biex Triq Tal-Mielaż tiġi fully accessible, imma mid-dehra l-parti ta' fuq hemm problema mas-sid.

Il-Viċi Sindku Maryanne Abela qalet li hi talbet biex titwessa Triq il-Perkursur minn naħa ta' fuq, u l-Kunsilliera Theresa Valentino ma qablitx għax ma tixtieqx li jiżdied it-traffiku ġol-Madliena. Is-Sindku reġa' għamel l-appell maċ- Chairman ta' IM sabiex ikun hemm iktar kommunikazzjoni u kooperazzjoni miż-żewġ naħat u bħala referral point is-Sur Azzopardi qabbad lil Perit Raphael Abdila, u mal-ewwel sar appuntament miegħu fl-4 ta' Frar, fejn laqana tajjeb ħafna.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

24.4.04 Is-Sindku flimkien mal-Peirt Edgar Rossignaud kellu laqgħa mal -Perit Raphael Abdila fejn ippreżenta r-rapport li ppreżenta fit-18 ta'Jannar. Il-Perit Abdilla daħal fid-dettal fuq il-problemi li qed ikollna fi Triq it-Tiben minħabba l-għarrar,u xi proposti li jista' jsiru għal din it-triq. Staqsejnih ukoll dwar x'ser isir fi Triq tal-Franċiż, u qal li m'għandux informazzjoni, iżda s-Sindku qal li l-parti minn Triq il- Miżura għal Triq ta' l- Ibraġ tinsab fi stat tajjeb u m'għandiex issir, u l-iktar importanti li jgħaqqdu Triq tal-Franċiż mill-parti tan-nofs. Wassalna l-punt li nixtiequ li Triq tal-Franċiż ssir one way 'il fuq u fil-parti wiesgħa tat-triq jixtieq li ssir bankina bħala Belvedere.

Is-Sindku qal li tkellmu wkoll dwar liema toroq ser jaħdmu fuqhom u semma Triq l-Ilqugħ u Triq il-Ġiebja, u s-Sindku informah li Triq il-Ġiebja saret, fejn il-Perit Abdila qal li probabbli saret minflok triq oħra ppjanata u ma tneħħitx mill-lista.

Is-Sindku staqsa lil Perit Abdila jekk IM jikkunsidrawx jinstallaw żewġt planters fil-kantuniera ta' Triq it- Tiben ma' Triq il-Qatta u Triq it-Tiben ma' Triq il-Ġwielaq, u din l-idea intlaqgħet imma qed jistennew konferma minn Transport Malta.

24.4.05 Is-Sindku qal li fid- 19 ta' Jannar iltaqa', flimkien mal-Viċi Sindku Maryanne Abela, mal Ministru Jose Herrera u s-Segretarju tiegħu Sur Mark Muscat dwar l-idea tagħna li jkollna Ċentru tal-Kultura. Qal li l-idea hija ambizjuża imma ma qatalniex qalbna. Is-Sindku nfurmah li ltaqgħu ukoll mal-Ministru Aaron Farrugia fuq l-istess suġġett, kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari Alex Muscat li għandu l-fondi IIP f'idejh, u tlabna li dawn it-tlett membri parlamentari jaħdmu flimkien sabiex jiġu sfruttat kull opportunita biex dan il-proġett iseħħ.

24.4.06 Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-laqgħa li kellu ma' kumpanija Quicklets li huma interessati jinstallaw street adverts f'toroq fil-lokalita' b'tema socjali. Din kienet diġa diskussa fil-Kunsill żmien ilu.

24.4.07 Is-Sindku qal li fl-4 ta'Frar kellu webinar flimkien mal-Greenpak, il-Kunsillier Alex Chetcuti u s-Segretarju Eżekuttiv fuq skema Smart Solutions li bħalissa hemm miftuħa. Tlabna li jsiru iktar bring in site bins taħt l-art. Is-Sindku għarraf li l-bins ta' Triq il- Passiflora kif ukoll dawk ta' Victoria Gardens iridu jitneħħew minn hemm għax l-art ta' madwarhom ser jinbnew. Tlabna jistawx dawn il-bins isiru f' post ieħor.

24.4.08 Is-Sindku ftakar li kellu laqgħa oħra ma' Perit ta' Infrastruttura Malta, Perit Corinne Dimech, fejn talabha li jsiru żewġt planters waħda fit-tarf ta' Triq Zejni ma' Triq is- Slielem, u l-oħra bejn triq ġdida ma' Triq iż-Żernieq. Il-Perit qalet ser tiddiskuti maċ- Chairman.

24.4.09 Is-Sindku qal li fil-11 ta' Frar iltaqa', flimkien mal- Periti Edgar Rossignaud u Anton Valentino ma' Sur Paul Xuereb, il-Perit tiegħu u ż-żewġt uliedu li ppreżentawlu pjan li jridu jtellgħu torri ta' 31 sular fl-art bejn l-uffiċċji ta' l-ecabs u l-lukanda Intercontinental. Qal li ġew ippreżentati pjanti ta'proġett ambizjuż u interessanti ħafna li joffri public open space. Is-Sindku qal li aħna m'offrejniex reżistenza għal dan il-proġett, u qal ukoll li teżiżti l-opportunita ta' Planning Aid. Is-Segretarju staqsa jekk l-art hiex qiegħda fis-Swieqi jew San Ġiljan, u r-risposta kienet San Ġiljan, u s-Segretarju wieġeb li probabbli m'aħniex intitolati għal kumpens.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

24.4.10 Is-Sindku tkellem fuq il-perjodu fejn il-Kunsill kien magħluq f'lockdown. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat ittra lilu fejn infurmah kif ħadmu l-istaff u hu waqt il-lockdown, kif konna ppreperati għal din l-eventwalita' fejn il-Kunsill inżamm magħluq għal ftit jiem biss u bis-sistema online il-permessi u l-operat tal-Kunsill baqa' għaddej normali, u ta' dan is-Sindku irringrazzja l-istaff u s- Segretarju Eżekuttiv.

24.4.11 Fuq Triq it-Tiben ix-xogħol jinsab għaddej, qegħdin jagħmlu l-bankina.

24.4.12 Fuq il-progetti kapitali s-Sindku qal li fuq il-fence ta'Ġnien FX Ebejer ħareġ it-tender u ġie awarded, il-fence ġie ordnat imma il-PA għadhom m'approvawx il-programm. Qal li l-istess qed jiġri fuq Ġnien Esprit Barthet, fejn qal li anke hu qed iċempel liċ-Chairman tal-PA hu stess, għax is-Segretarju Eżekuttiv ukoll qed iċempel regolarment imma mhux ikollu risposta. Dwar Triq is-Sidra beda x-xogħol, imma hawn ukoll weħilna ħabba lockdown mill-ħaddiema tal-kuntrattur.

24.4.13 Fuq il-proġett tar-Restoration tar-Rubble Walls erġajna weħilna, għax il-kuntrattur m'għandux il-fondi biex jagħmel il-garanzija, u s-Sindku qal li hemm bżonn nieħdu deċiżjoni serja hawn. Għandna riskju li nitilfu kollox. Nistgħu mmorru mal kuntrattur u niddepożitaw pre-financing ta' xi ħaġa żgħira fuq il -€15K u nittamaw li dak il-ħin stess issir il-garanzija bankarja minn naħa tiegħu, iżda jista jagħti l-każ li l-bank tiegħu joħodlu l-flus għax ikun għandu jagħti lil bank, u l-garanzija ma ssirx. Bilfors irid jgħaddi ċertu żmien biex it-transazzjoni tgħaddi. Is-Sindku qal li l-options huma li jew nieħdu r-riskju mal -bank u naraw x'ser jiġri, jew nitolbu estenzjoni għal progett, jew nitilqu l-proġett u nitilfu l-fondi. Ġie deċiż li l-ewwel pass hu li nitolbu estenzjoni tal -kuntratt.

24.4.14 Fuq ir-ristorazzjoni tal- Batterija ta' San Giovanni fil-Madliena is-Sindku qal li saret l-applikazzjoni.

24.4.15 Fuq l-applikazzjoni tar-restawr taċ-ċint tal-Madliena (Wied id-Dis) is-Sindku qal li jaqbel li ssir applikazzjoni. Qal li s-Segretarju Eżekuttiv mar mal-Perit u ttieħdu xi miżuri għax hemm ħsieb li l-proġett isir f'partijiet, peress li l-ispiża totali ser titla' ħafna, u l-Miżura 1.1 tkopri biss għal €40k. Qal li l-Perit għamel suġġeriment li jiġi rranġat il-parti t'isfel taċ-ċint b'ġebel li seta' waqa' fil-wied jew b'ġebel li jittieħed minn partijiet oħra tat-triq, u f'dawn il-partijiet jiġi mibdul f'ħitan tas-Sejjieħ. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lil Perit jippreżenta kwotazzjoni biċ-chunks għal kull parti mill-proġett.Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li ltqajna ma' ħafna problemi ta'amministrazzjoni fil-proġett tar-rubble walls, ma jixtieqx li l-istorja tirrepeti ruħha u qed jipproponi li l-aministrazzjoni kompluta, mit-tfassil ta' l-applikazzjoni sa l-implimentazzjoni ssir mill- Gal Majjistral, li tagħha aħna membri. Dawn jieħdu ħsieb ukoll li jqabbdu project manager (bi ħlas) li jieħu ħsieb kollox hu. Is-Sindku talab kwotazzjoni għal dan ix-xogħol, u s SE qal li ser tiġi madwar €5k. Is-Sindku qabel ma' din il-kwotazzjoni. Li skema 1.1 tagħlaq fl-aħħar ta'Marzu.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

Peress li s-Segretarju daħal b'dettalji tal-progetti mfasslin, ġie deċiż li wara li tlesta l-intervent tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkompli bil-punti tiegħu. B'hekk inqabżu punti 24.5 – Punti mressqa mill-Kunsilliera, u 24.6 – skeda tal-pagamenti, u morna dritt fuq punt 24.7 – punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv.

**24.7 Punti mressqa mis-Segretarju Ezekuttiv.**

24.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qegħdin naħdmu fuq il-financial statements għal l-għeluq tas-sena finanzjarja 2020. Qal li xtaq li jiġu ppreżentati llum imma ma laħħaqniex, għaldaqstant ser ikollna nagħmlu seduta oħra fuqhom biss qabel it-28 ta'Frar, għaliex dakinhar irid jiġu ppreżentati l-Audit Office. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

24.7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li ġie pprezentat it-tender tal -Waste Collection, tender li għandu jwassal sa l-aħħar tas-sena 2022. Qal li wara 2022 il-ġbir ta' l-iskart ser jiġi responsabbilta' tar-Reġjuni.

24.7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem fuq il-progetti SPI, u ta rendikont ta' l-applikazzjonijiet li l-Kunsill għandu u li ser japplika għalihom, fosthom:

SPI/SCI/5/2020 – Aċċess u Mobilita' – applikajna f'Ottobru 2020 għal Green Wall fuq l-uffiċini tal-Kunsill. Din l-applikazzjoni għadha qed tiġi proċessata.

SPI/SCI/7/2020 – Smart Solutions – kif semma s-Sindku qed naħdmu fuq proġett ta' smart bins fil-lokalita'.

SPI/SCI/2/2021 - Restawr ta' Postijiet Storiċi – ppreżentajna l-applikazzjoni għar-restawr tal -Batterija San Giovanni. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel kjarifika fuq dan il-proġett, fejn qal li kontra għal xi kummenti li ntqalu, dan mhux proġett li ser napplikaw jew nieħdu fondi għalih, imma hija talba mill -Kunsill lid-dipartiment tar-Restawr fejn qed nitolbuhom jidħlu għal progett ta' restawr. Jekk din it-talba tiġi aċċettata is-Sezzjoni tar-restawr tieħu ħsieb kollox hi, inkluż tendering u x-xogħol nniffsu.

SPI/SCI/03/2021 – Playing Fields -is-Segretarju Ezekuttiv qal li din l-applikazzjoni ħalliha f'idejn Clarissa għax ma jistax ilaħħaq ma'kollox hu.

SPI/SCI/3/2021 – Attivitajiet Kulturali – qed jaħdem mal-Kunsillier Paul Fenech fuq program ta' kunċerti ta' mużika klassika għal kull staġun.

Il-Kunsill unanimament qabel li japplika u jipparteċipa għall-iskemi indikati.

24.7.04 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem fuq l-ingress ta' ilma fis-sala, u qal li hemm problema serja li qed jaħdem fuqha imma qiegħda tikber. Qal li battal l-planter żgħira fuq l-entratura ta' emergenza tas-sala mill-ħamrija sabiex jaraw aħjar jekk hemmx ingress minn din il-parti. Il-Perit Edgar Rossignaud qal li wara investigazzjoni tidher ċara li hija waħda mil-kawża ta' l-ingress. Irridu niddeċiedu hux ser nħalluha hekk jew nestewndu l-lift u ngħalquha bil-konkrit. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit Dieter Falzon talbu ineħħi parti mis-suffett tas-sala.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

Il-Perit jixtieq jara s-sitwazzjoni tas-saqaf tas-sala.

Il-Kunsillier Paul Fenech qal li din hija problema li ilha sejra minn mindu tlestiet is-sala. Qal li s-suffett diġa' nqala kollu darb' oħra, imma tal-kuritur ma sarx, u il-problema qiegħda fil-kuritur. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ukoll mat-technician tal-funtana, ċertu Conrad Zammit, u dan qallu li x-xogħol tal- funtana kien involut fih mill- bidu nett, u qal li dejjem kellhom problemi. Il-Perit Dieter Falzon qal li hu nkwetat għax-xoghol ta'tiswija jista' jitla' għal €50K. Is-Sindku talab stimi uffiċjali minngħand il-Perit.

24.7.05 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem fuq stima ta' €22k li l-Perit Falzon ppreżenta għat-tiswija ta' culverts u installazzjoni ta' katusa li taqsam it-triq fit-trejqa l-parti t'isfel ta' Swieqi Road, int u ġej minn San Ġwann jew minn Triq il-Qasam. Ġie deċiż li tiġi diskussa mal-Perit sabiex titnaqqas kemm jista' jkun din l-ispiża għax jista' jkun li hemm pjanijiet għal din it-triq minn Innfrastruttura Malta.

## 24.6.00 Skeda tal Pagamenti

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq li skeda tal-pagamenti numru 19 għal kunsiderazzjoni. Qal li punt 7, pagament għal Road Servicing Limited ta' €7085, dan il-pagament irid jiġi mneħħi għax il-kuntrattur għad irid jagħmel ix-xogħol ta' tiswija fi Triq il-Qasam.

24.6.01 L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

## 24.5 Punti Mressqa mill-Kunsilliera

24.5.01 Il-Kunsilliera Rowena Scicluna staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kellimx lil Kunsill tal - Fgura fuq is-sistema tat-towing ta' vetturi abbundunati li jħaddnu huma. Is-Segretarju wieġeb fl-affirmattiv u qal li l-Fgura jkollhom każ wieħed fis sena biss, iċemplu lir-Roc A Go u jiġi jiġborha – m' hemmx Sistema jew arranġament speċifiku mal-kumpanija.

24.5.02 Il-Kunsilliera Rowena Scicluna staqsiet ġiex installat Dog Bin fi Triq Pedadilwett. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qiegħda fuq il-lista tal -Kuntrattur, imma l-kuntrattur ilu ma jigi. Issa jiċċekkja miegħu dwar dan.

24.5.03 Il-Kunsilliera Rowena Scicluna tkellmet fuq poop bag tal-klieb li bagħtet il-kwotazzjonijiet tagħhom lil Kunsilliera, imma ma kellha l-ebda risposta minngħand ħadd. Is-Sindku staqsa biex naraw nistawx nġibu sponsorship għal dawn il-prodotti.

Peress li sar il-ħin is-Sindku qal li billi ser ikollna nerġgħu niltaqgħu biex napprovaw il-Financial Statements għamel suġġeriment li s-Sedura tintemm hawn u naġġornaw b'seduta ta' kontinwazzjoni fejn il-kumplament tal-Kunsilliera iressqu l-punti tagħhom ukoll. Ġie deċiż li s-Seduta tal-kontinwazzjoni ssir it-Tlieta 23 ta'Frar 2021.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

(7)

## SWIEQI LOCAL COUNCIL

## COUNCIL MEETING 15.02.2021

### MEETINGS ATTAENDED/HELD

### 15.01.20 – Meeting on site – triq is Slielem St Andrews road

An on site meeting was held so as to assess the works taking place in triq is Slielem. In attendance Vice Mayor MaryAnne Abela, councillors Theresa Valentino and Edgar Rossignaud as well as Perit Bjorn Bonello.

### 18.01.20 – Meeting at Infrastructure Malta

A meeting was held at Infrastructure Malta so as to obtain information about the planned changes in triq is Slielem and St Andrews road

In attendance from IM an architect and another female ( I cannot recall their names ) and Vice Mayor MaryAnne Abela, and councillors Edgar Rossignaud and Alex Chetcuti from the Local Council.

The architect from IM explained that the current exits onto St Andrews road, thus the exit of traffic exiting the Forum Complex/ San Andrea Court, and traffic driving down Pedidalwett and Triq il Mielah will not be allowed access onto St Andrews road any longer. All such traffic will be directed to the upper part of triq il Prekursur and out onto St Andrews road from the newly built roundabout at the foot of Prekursur.

We immediately protested about this and we insisted that it was not right to direct such a heavy load of traffic, including delivery vans and trucks into High Ridge. We informed the architect from IM that we were convinced that the new roundabout was not suitable to cope with such a volume of traffic coming out of Prekursur.

The architect from IM kept insisting that the roundabout could cope with the volume of traffic.

We asked whether a traffic count had been made to which he replied that they had prepared a traffic count. However these counts have not been given to us.

We also asked to have the exits from triq Tal Mielah and from Slielem accessible.

The architect insisted that the exit from triq tal Mielah was impossible to retain due to the gradient now that the width of the road was narrowed. He would not listen to our plea to retain the exit from Slielem.

We insisted that we were not prepared to accept these proposals .

I immediately wrote to Infrastructure Malta CEO, Ing Fredrick Azzopardi and asked for an urgent meeting.

A meeting was scheduled for the 29th January. We asked them to advance the meeting and the meeting was advanced to the 18.01.20

**19.01.20 – Art and Culture Centre - meeting with Hon Minister Jose Herrera**

Together with Vice Mayor MaryAnne Abela, we attended a meeting with the Hon Minister Herrera . in attendance was Hon Herrera's private secretary Mr Mark Muscat

Since Minster Herrera is the Minster for National Heritage, The Arts and Local Government, I put forward our proposal to build a Regional Art and Culture Centre in the field adjacent to the premises of the Local Council in riq il Keffa. I also informed the Hon Minister that we had already met Hon Minister Aaron Farrugia and Parliamentary secretary Hon Alexander Muscat about the subject matter.

Minster Herrera took a great interest in the subject matter and asked his private secretary so as to see what can be done to help us. He recognised the difficulties that existed to purchase the land but he promised that he would discuss the project with his colleagues.

Vice Mayor MaryAnne Abela discussed with the Hon Minister the possibility of obtaining assistance to restore the Battery that once existed at the foot of triq

